# LECTIO DIVINA

# Id-Disgħa u Għoxrin Ħadd

# Matul is-Sena (Sena A)

**Mt 22, 15-21**

## "Agħtu... lil Alla dak li hu t'Alla"

**"Il-Fraiżej marru u bdew jiftiehmu bejniethom biex jaraw kif jonsbuh b'xi kelma. U bagħtu d-dixxipli tagħhom ma' xi Erodjani"** (v.15-16a)

**Il-Fariżej** jagħtu mportanza kbira lill-ittra tal-liġi (Mt 23,3), huma perfezzjonisti (Mt 23,23), iżda huma *"kliem biss għandhom, imma fatti xejn"* (Mt 23,23). Ma jaċċettawx il-ħlas tat-taxxa għax kienet sinjal ta' sottomissjoni għar-Rumani, u għalhekk kienu jaħsbu li kien att ta' idolatrija. **L-Erodjani** kienu jappoġġjaw il-gvern ta' Erodi u lir-Rumani, bl-intenazjoni preċiża li jiksbu pożizzjoni, akkost ta' kull kompromess mal-fidi tagħhom. Jaċċettaw it-taxxa mogħtija lil Ċesari għall-finijiet ta' moħħhom. It-tnejn li huma ftiehmu bejntiehom għax kellhom intenzjoni komuni: li jtajru lil Ġesu' min-nofs.

**"U qalulu: 'Mgħallem, aħna nafu li inti raġel tħobb is-sewwa, u t-triq t'Alla tgħallimha kif tassew hi, bla ma tħabbel rasek minn ħadd, għax int lejn wiċċ ħadd ma tħares"** (v.16)

Dan huwa wieħed mill-isbaħ tifħir lil Ġesu' li nsibu fil-vanġelu. Imma nafu li hija verita' strumentalizzata.

***'Mgħallem, aħna nafu li inti raġel tħobb is-sewwa'***: Huma *"dawk li jagħmlu l-ħażen, li kliem ta' sliem jgħidu lil għajrhom, u qalbhom bil-qerq mimlija"* (Salm 28,3);*"Mhux kull min jgħidli;*

*'Mulej Mulej jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, iżda kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri"* (Mt 7,21). Qed jistaħbew wara kliem sabiħ, imsejjaħ 'fariżejiżmu'.

**"'Int x'jidhirlek? Sewwa jew le li wieħed iħallas it-taxxa lil Ċesari?' Ġesu' għaraf il-ħażen ta' moħħhom, u qalilhom: 'Għaliex tridu ġġarrbuni, ja wċuh b'oħra? Uruni l-munita tat-taxxa.' Wrewh dinar"** (v.17)

It-taxxa kienet ddaħlet fil-Ġudea fis-sena 6 W.K, u kull individwu, minn 12 sa 65 sena inkluż ukoll l-ilsir, kien intolat li jħallasha.

***'Ġesu' għaraf il-ħażen ta' moħħhom'***: Ġesu' jikxef il-ħsebijiet tal-qalb tal-bniedem; *"u ma kellux bżonn min jagħtih xhieda fuq il-bniedem, għax hu stess kien jaf x'hemm fil-bniedem"* (Ġw 3,3); *"'Ejjew araw bniedem li qalli kull ma għamilt. Tgħid dan il-Messija?'"* (Ġw 4,29). Il-kapitlu 23 huwa litanja ta' kundanni għall-ipokrezija li Ġesu' kixef fil-qalb tal-fariżej.

**"Ġesu' staqsiehom: 'Ta' min huma dan il-wiċċ u din il-kitba?' Qalulu: 'Ta' Ċesari!'. Mbagħad qalilhom: 'Mela agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak li hu t'Alla'"** (v.20-21)

Ġesu' jitlaq minn Ċesari biex jasal għal Alla. Iqiegħed ħdejn xulxin lil Ċesari u lil Alla għax kien faċli li wieħed iħawwadhom flimkien. L-imperaturi kienu jissejħu ***'Kyrioi'*** (Mulej) (ara 1 Kor 8,5). Fuq naħa tal-munita kien hemm miktub: "Tiberju Ċesari bin il-Kbir ***divin*** Awgustu" (TIBERIUS CAESAR DIVI AUGUSTI FILIUS AUGUSTUS) u fuq in-naħa l-oħra: 'Pontifex Maximus'. (Kien imperatur bejn is-sena 14 u 37). Il-kultura reliġjuża Lhudija kienet tiprojbixxi kull xhieba kemm ta' bniedem kif ukoll t'Alla, għaliex l-unika xbieha t'Alla hija l-bniedem ħaj u ħieles (ara Dt 4,16-40).

Ġesu' Sultan għandu wkoll il-munita b'saħħitha tiegħu, is-salib, li fuqu kien hemm kitba li tgħid: *"Dan hu Ġesu' is-sultan tal-Lhud"* (Mt 27,27).

Filwaqt li min-naħa Ġesu' qiegħed jiddistingwi ż-żewġ poteri (dak ta' Ċesari u dak t'Alla), fl-istess waqt qed isib dak li jgħaqqadhom flimkien: il-primat t'Alla: *"Ma kien ikollok ebda setgħa fuqi kieku ma ġietx mogħtija lilek minn fuq"* (Ġw 19,11). In-nisrani, f'kull għażla, anke f'dik li tirrigwardja l-istat ma jistax jinjora lil Alla: *"Agħtu ġieħ lil kulħadd. Ħobbu lill-aħwa, qimu lil Alla, weġġħu lis-sultan"* (1 Pt 2,17).

***'Mela agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari'***: Jibqa' dejjem ir-riskju li kull poter uman jista' jiġi divinizzat u adorat.

***"agħtu"***: il-kelma proprja hija "agħtu lura". Alla jitlobna lura dak li diġa' irċivejna mingħandu. ***'Mela agħtu... lil Alla dak li hu t'Alla'***: Alla jagħtina dak li huwa tiegħu imma ma jridx li nipposseduh, b'mod li jsir tagħna: *"Tiegħek, Mulej, il-kobor u l-qawwa, il-ġieħ, is-sebħ u t-tifħir: għax kull m'hemm fis-sema u fl-art hu tiegħek. Tiegħek is-saltna, Mulej, int kap fuq kulħadd"* (1 Kron 29, 11-12).

It-tliet żgħażagħ quddeiem it-tentazzjoni li jagħtu lil 'Ċesari' (is-Sultan Nebukadnessar) dak mhuwiex tiegħu, iwieġbu: *"Alla tagħna li aħna nqimu, jista' jeħlisna minn idejk o Sultan. U mqar jekk le, kun af, Sultan, li l-allat tiegħek m'aħniex se naqduhom..."* (Dan 3,17-18).

Kif is-setgħa ta' Ċesari tasal sa fejn hemm jiċċirkulaw il-flus bix-xbieha tiegħu fuqhom, hekk il-qawwa t'Alla tiċċirkula kull fejn jinsab il-bniedem, li huwa maħluq xbieha tiegħu (ara Ġen 1,26). Din ix-xbieha, minquxa fil-bniedem għandha tfakkru kontinwament fil-Ħallieq.

Għar-Riflessjoni

1. Din il-ġimgħa nitlob b'mod partikolari lill-Mulej biex jgħinni nikxef l-aktar ħsebijiet u xewqat moħbija ta' qalbi, biex inkun naf min jien verament.
2. Kemm drabi qed nagħti lil 'Ċesari' dak li huwa t'Alla?
3. Kif Ġesu' huwa *"ix-xbieha t'Alla li ma jidhirx"* (Kol 1,15), anke jiena xbieha t'Alla fuq il-mudell ta' ħija l-Kbir, Ġesu'. Il-poplu ta' Iżrael biex ma jinsa qatt din l-identita' tiegħu kien *"jikteb fuq idu: 'Mal-Mulej' u jitlaqqam b'isem Israel"* (Is 44,5b). Il-kelmiet ta' Ġesu' jwassluni nistaqsi: Ta' min *jien* tassew? Min hu *l-Mulej* tiegħi?
4. Bejn Ċesari u Alla, tinsab il-kundizzjoni tan-nisrani: li huwa fid-dinja, imma mhuwiex tad-dinja (ara Ġw 17,11.16), li filwaqt li jgħix fuq din l-art (pólis), għandu ċ-ċittadinanza tiegħu fis-sema (ara Fil 3,20). Jibqa' kontinwament magħqud m'Alla filwaqt li jinsab jgħix fid-dinja.
5. Nimmaġini fuq is-sodda tal-mewt fejn niġi mitlub nagħti lid-dinja (Ċesari) dak li huwa tagħha u lil Alla dak li huwa tiegħu. Liema partijiet mill-qalb tiegħi huma tassew tiegħu? Dan għandu jkun stedina biex nitgħallem nagħti kontinwament lili nnifsi lilu, f'relazzjoni ta' abbandun totali.